# tik TOK tik

Fis-satra tal-lejl jum wara jum
ħsieb ta' dinja oħra 'l hinn mill-qabar
sikwit fis-skiet isefsef u jqum
maħsud, maħsul f'qamar mibdul. Idur

ħsieb sabiħ, swied is-sensi għassies
u meqjus jissokta jistaqsi:
"Fil-miżien f'liema keffa jitqies?
imil l-għemil, xellug, lemin? Qis"

Hekk polz il-jum tul il-lejl itektek
u fiss il-fus, lir-ruħ spiss ibus
isus fuqu 'nnifsu, izekzek.

Jitħabbeb ma' tat-tokk it-tikki
tokki; fellus kurjuż f'moħħ marsus,
sa tbakkar … u tħabrek … tiskorri.

*Mary Doris Chircop*

# ~~Ċaqlembuta~~

~~Fuq naħa hemm jien.~~
~~Fuq l-oħra il-jien.~~
~~It-tnejn medhija,~~
~~jimpikaw flimkien.~~

~~Telgħin u neżlin.~~
~~Neżlin u telgħin.~~
~~Qatt ma jieqfu~~
~~mill-misħuta logħba.~~

~~*Shirley Micallef*~~